MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 454/2014/1

**L-Avukat Dottor Jotham Scerri-Diacono**

**bhala mandatarju specjali f'isem u**

**ghan-nom tas-socjeta estera**

**Aqua Marine Navigation & Shipping Company S.A.**

**irregistrata l-Panama**

**vs**

**Pol-Euro Lines Shipping PLC SA**

**socjeta estera rapprezentata hawn**

**Malta mir-resident agent**

**Combined Maritime Services Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta intimata tat-18 ta’ Novembru 2014 fl-atti ta’ proceduri maghmula mis-socjeta rikorrenti sabiex ma jsir ebda forma ta’ negozju fuq il-bastiment Sider Lipari proprjeta tas-socjeta intimata u dan peress illi s-socjeta rikorrenti qed tallega li subiet danni naxxenti minn nuqqasijiet kontrattwali assunti mill-istess socjeta intimata fil-konfront ta’ charter parter agreement maghmul mis-socjeta rikorrenti, in konnessjoni mal-istess vapur;

B’dan ir-rikors is-socjeta intimata qed titlob li tigi imposta garaznija ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap. 234 biex jaghmel tajjeb ghad-danni li tista’ issofri l-istess socjeta intimata jekk il-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti tirrizulta infondata;

Is-socjeta rikorrenti opponiet ghal din it-talba;

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li r-rikors thalla ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat**

Qabel il-Qorti tidhol fil-mertu tal-kwistjoni tirrileva illi bi provvediment tallum stess giet milqugha t-talba tas-socjeta rikorrenti beix ma jsir ebda negozju fuq il-bastiment Sider Lipari pendent l-ezitu tal-pretensjoni rikorrenti ghad-danni allegatament subiti ghal inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta intimata.

Is-socjeta intimata issostni illi fit-13 ta’ Dicembru 2013 dahlet f’konvenju ta’ bejgh tal-istess vapur ma’ socjeta estera Pollakka u thallas depozitu favur is-socjeta intimata ta’ €378,295.31, ghalkemm tnaqqset is-somma ta’ €75,000 dovuti lill-istess socjeta Pollakka.

Jekk il-bejgh ma jsehhx id-depozitu kellu jintradd lura. Il-kuntratt kellu jsir fit-30 ta' April 2014, li gie mgedded ghat-30 ta' Gunju 2014 minhabba li xi formalitajiet ma kienux ghadhom gew konkluzi. Fit-28 ta' Mejju 2014 is-socjeta intimata irceviet ir-rikors dwar iz-zamma ta' kull negozju li gie milqugh provvizorjament mill-Qorti. Fis-16 ta' Gunju 2014 it-trasferiment seta' jsir pero l-ordni taz-zamma ta' kull negozju fuq il-bastiment imblokka t-trasferiment. Il-konvenju gie mgedded sat-30 ta' Novembru 2014 pero s-socjeta intimata issottomettiet li hu anticipat li l-bejgh jithassar jekk sa din id-data il-ftehim finali ma jkunx jista jigi konkluz.

Is-socjeta intimata irrelevat illi r-rikavat tal-bejgh kien ser imur ghal hlas tas-self li l-istess socjeta intimata kellha mal-bank biex xtrat il-vapur u peress illi l-bejgh ma setax isir sal-ahhar ta' Gunju 2014 qed tinkorri imghax ta' €4,024.682 fix-xahar. Id-danni sad-data tal-prezentata tar-rikors odjern jammontaw ghal €418,542.13.

Fuq il-mertu proprju hemm proceduri ta' arbitragg fl-Ingilterra u l-proceduri Maltin intraprizi mas-socjeta rikorrenti huma biss ta' natura kawtelatorja.

Is-socjeta rikorrenti opponiet ghat-talba tal-ghoti tal-garanzija ghaliex it-talba li saret mis-socjeta rikorrenti saret biex tikkawtela d-drittijiet taghha skond il-ligi u ma gie ippruvat ebda abbuz fl-ezercizzju ta' tali dritt.

Fil-mertu s-socjeta rikorrenti irrelevat illi r-rikors maghmul mis-socjeta intimata sar biss fit-18 ta' Novembru 2014 ftit jiem qabel l-iskadenza tal-konvenju u dan jikkreja dubju dwar il-mottiv warajh. In oltre l-konvenju skond informazzjoni li ghandha s-socjeta rikorrenti hu bejn zewg kumpaniji fl-istess grupp ta' kumpaniji bl-istess diretturi fejn allura hemm l-obbligi li ma jaghmlux hsara jew pregudizzju lil xulxin bl-agir taghhom. Sussegwentement ghal dan l-argument gie sottomess f'nota li saret fil-25 ta' Frar 2015 illi x-xerrej prospettiv kien inbidel f'awtorizazzjoni ministerjali Pollakka tas-17 ta' Ottubru 2014 li allura jgib fix-xejn l-argumenti avvanzati tal-parti l-ohra. In oltre d-diskrepanza bejn l-ammont dikjarat li thallas fil-konvenju u r-ricevuta li hu ghal ammont inqas jikkreja dubju fuq il-genwinita tan-negozju kif jikkreja dubju l-fatt li nonostante l-konvenju, il-bastiment kien qed jigi reklamat ghal bejgh fid-19 ta' Mejju 2014 skond l-email esebit fl-atti. In kwantu ghal ammont ta' garanzija, is-socjeta rikorrenti issottomettiet li l-ammont tad-depozitu ma jistax jikkostitwixxi danni ghax sakemm il-bejgh

ma jsirx il-flus ma jappartjenux lis-socjeta intimata izda kienu ta’ terzi, u l-bastiment jibqa’ proprjeta tas-socjeta intimata li tista’ tiggestixxi l-imsemmi vapur minghajr xkiel. In oltre l-obbligu tal-hlas ta’ inghax fuq self ma jistax jigi meqjus bhala danni billi s-self sar ghax-xiri tal-vapur mis-socjeta intimata u l-gestjoni liberu tieghu ghandu jaghmel tajjeb ghal hlasijiet ta’ imghax miftehma bejn is-socjeta intimata u l-bank.

Is-socjeta intimata irrispondiet ghal dawn l-allegazzjonijiet billi issottomettiet illi ir-rikors gie intavolat ftit jiem qabel l-iskadenza ghax kien proprju f’dak il-perjodu illi s-socjeta kumpratrici wriet l-intenzjoni li mhix ser tibqa’ tistenna indefinittivament biex isir il-kuntratt. Rigward il-kompozizzjoni taz-zewg kumpaniji, is-socjeta intimata irrelevat illi z-zewg kumpaniji huma entitajiet statali li huma fil-fatt proprjeta tal-Ministeru tat-Tezor ghalkemm b’mansjonijiet differenti. Pero xorta jibqa’ l-fatt illi kull operat irid ikun trasparenti hu soggett ghal ligijiet kollha bhal kull entita ohra. Gie sottomess illi d-diretturi fl-iffirmar tal-konvenju originali kienu differenti fiz-zewg kumpaniji u illi huma biss fl-estensjonijiet li r-rapprezentanza fiz-zewg kumpaniji kienet l-istess. F’parir legali Pollakk anness gie sottomess illi tali konenju kien legali u soggett ghal ligijiet Pollakki b’obbligazzjonijeit reciproci u azzjonabbli skond il-ligi. Rigward id-diskrepanzi fil-valuri gie sottomess b’mod dettaljat illi kien hemm hlas ghal bejgh ta’ zewg vapuri bi spejjez inkluzi u d-diskrepanza hi apparent biss. Rigward ir-reklamar tal-vapur, gie sottomess illi skond il-konvenju l-prezz tal-bejgh kellu jigi stabbilit fil-mument tat-trasferiment u peress illi l-bejgh kellu jsir f’Gunju, is-socjeta venditrici avvicinat brokers biex jigi reklamat u b’hekk jigi kostatat il-valur reali tal-vapur kemm jista’ jkun vicin il-bejgh. In kwantu ghall-ammont tal-garanzija gie ribadit illi d-depozitu imhallas jikkostitwixxi dannu ghax irid jitregga lura u ghalhekk mhux izjed kapital f’idejn is-socjeta intimata, u dan kien jinkludi wkoll l-ammont ta’ tpacija li kienet qed issir bil-hlas. Bit-telf tal-bejgh hemm deprezzament fil-valur tal-vapur billi hemm it-trapass ta’ zmien fuq il-vapur apparti li dan hu general cargo ship b’valur volatali u r-riskju ta’ telf ta’ bejgh ghalhekk fih innifsu jikkostitwixxi dannu. Rigward l-imghax anki jekk ghal grazzja tal-argument jinghad li dan kellu japplika mit-30 ta’ Gunju 2014 u mhux minn meta saret l-ordni kontra kull trasferiment, l-imghax mitlub gie ikkwantifikat sal-ahhar ta’ Ottubru 2014 cioe gheluq il-konvenju meta illum ghadew xhur ohra u l-imghax zdied. In kwantu ghall-qliegh mill-operat, is-socjeta rikorrenti qed tassumi li ser jinstab xoghol ghall-istess vapur li l-fatt li s-socjeta intimata kienet ser titrasferixxi l-vapur ma kienx necessitat li tidhol fl-ispejjez bhal hlas ta’ ekwipagg u spejjez biex izzomm il-vapur registrat u seaworthy. Dawn huma kollha danni li ghalihom hi mehtiega garanzija.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Maghrufa l-pozizzjonijiet tal-partijiet din il-Qorti tqis illi l-artikolu 37 tal-Kap. 234 jaghti diskrezzjoni pjuttost ampja lil din il-Qorti meta tigi biex tikkunsidra talba ghall-impozizzjoni ta' garanzija biex taghmel tajjeb ghad-danni. L-artikolu 37 hu wiehed sui generis u ghalhekk ghandu jigi applikat fl-isfond partikolari tas-suggett li jkopri, cioe dak marittimu, fejn hafna drabi l-pretensjonijiet huma pjuttost ghal ammonti konsiderevoli u l-hsara jew ahjar ir-rizultat u konsegwenzi ghal min qed jissubixxi l-pretensjoni huma pjuttost ingenti u kultant distruttivi. B'dawk il-konsiderazzjonijiet il-Qorti trid tevalwa sew ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz u tqis kull kaz bhala wiehed separat minn iehor bil-fattispecie pekuljari u individwali tieghu. Dan hu rifless bl-iktar mod ampju mid-dicitura uzata fl-artikolu 37 fejn jinghad hekk:

> The Commerical Court may if it thinks fit ... on a demand by a sworn application of a person claiming a right in or over a ship make an order prohibiting for a specified time, ... **and the court may make the order on any terms and conditions it thinks just ... Including ... the imposition of an obligation to provide appropriate security for damages, interests and costs ... And generally may act in the case as the justice of the case requires.**

Fil-hsieb tal-Qorti dan l-artikolu jimponi obbligu fuqha li meta johrog ordni ta' projbizzjoni fuq trasferiment ta' vapur, tista' skond ic-cirkostanzi taghmel il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa inkluz l-ghoti ta' garanzija ghal danni, imghax u spejjez li l-parti l-ohra tista' tinkorri minhabba din l-impozizzjoni. Pero l-artikolu imsemmi donnu ippreveda d-dilemma tal-Qorti meta tigi biex tizen il-fatti skarni li jkollha hafna drabi quddiemha meta tigi biex tapplika dan l-artikolu, fil-maggor parti fi stat bikri qabel il-proceduri fil-mertu, u l-legislatur zied 'and generally may act in the case as the justice of the case requires'.

Ghalhekk meta tigi biex tikkonsidra talba ghal impozizzjoni ta' garanzija kontra ordni ta' projbizzjoni ta' trasferiment ta' vapur ghandha tqis dak li l-parti sokkombenti ghall-ordni qed tqis bhala gustifikabbli ghal-impozizzjoni.

F'dan il-kaz il-Qorti mhix konvinta li t-talba tas-socjeta intimata hi gustifikata bizzejjed li tinneccessita li l-Qorti timponi garanzija fuq is-socjeta rikorrenti wara l-hrug tal-ordni kontra l-vapur ghaz-zamma tal-bejgh tieghu in forza ta' jedd prima facie muri mis-socjeta rikorrenti

ghal danni kontrattwali bhalissa soggetti ghal proceduri arbitrali fl-Ingilterra. Il-Qorti trid tkun konvinta qabel l-impozizzjoni ta' garanzija jew taghti kull ordni ohr li skond l-artikolu 37 li hemm raguni valida li tispingi lil din il-Qorti tordna mizura ta' din ix-xorta. Il-prova tistrieh fuq min jitlobha li dan b'mod oggettiv tenut kont tal-pretensjoni tal-kontroparti. Is-socjeta intimata qed tibbaza t-talba taghha fuq konvenju ta' bejgh tal-istess vapur li sfaxxa jew ser jisfaxxa minhabba l-ordni mahruga taht l-artikolu 37, u b'hekk gew jew ser jigu kawzati danni bl-ordni tal-Qorti. Fil-fatt kull ma irrizulta lil din il-Qorti hu illi l-bejgh kien ser isir bejn zewg entitajiet proprjeta tal-Gvern Polakk u illi l-bjegh ma setghax isir ghax wahda mill-partijiet giet impeduta mill-Qorti Maltija milli tkompli bil-bejgh, almenu b'mod temporanju. Din hi cirkostanza li s-socjeta venditrici ma ghandhiex kontroll fuqha. Per di piu, essendo l-partijiet ghalkemm distinti legalment huma fl-ahhar mill-ahhar kontrollati mill-istess sid, ma tidhirx il-possibilta attwali li l-istess sid ser ifittex lilu innifsu ghad-danni minhabba in-nuqqas tat-trasferiment finali tal-istess vapur minn kumpanijia ghal ohra proprjeta tal-istess sid. Maghdud ma' dan hemm l-allegazzjoni li l-kumpratur kien inbidel mindu sar il-prezenti rikors li jgib fix-xejn l-argumenti mis-socjeta intimata.

Fi kwalunkwe kaz is-socjeta intimata ghandha kull opportunita tikkawtela u tamministra l-interessi taghha bl-operat tal-vapur u biz-zamma tieghu kif imiss u konsegwentement tkompli thallas id-dejn li kellha mill-bank ghax xiri originali tieghu, mill-operazzjoni kummercjali tal-istess vapur. Bl-istess mod, id-depozitu li inghata mal-iffirmar tal-konvenju hu ismu mieghu cioe hlas akkont li ma jsirx parti mill-partrimonju tal-venditur qabel ma jsehh it-trasferiment finali u kwindi ebda telf ma jiggarrab bir-radd lura tieghu. In oltre l-fatt li bit-trapass taz-zmien il-valur tal-vapur jonqos, pero wiehed irid iqis illi bl-operat tal-vapur hemm introjtu regolari u sakemm ma jghaddix zmien konsiderevoli ma jistax jinghad li d-deprezzament jista' jigi ikkalkolat b'xi mizura certa peress illi l-valur tas-suq hu fluidu hafna u l-bzonn tas-suq jitbiddel regolarment.

Mill-banda l-ohra l-Qorti kellha tikkunsidra wkoll oggettivament it-talba tar-rikorrenti meta gie impost id-divjet tat-trasferiment tal-vapur u tikkonsidra wkoll jekk it-talba gietx maghmula abusivament almenu prima facie. Il-Qorti ma irriskontrat u anqas ingiebet prova ta' ebda fattur jew cirkostanza li iggieghlha tahseb li t-talba fil-mertu tas-socjeta rikorrenti hi wahda frivola jew vessatorja jew priva minn kull fondament legali li timmerita li tigi ridimensjonata bl-impozizzjoni ta' garanzija li ghandu jkun fattur fejn il-Qorti ghandha tqis li l-gustizzja tal-kaz jirrikjedi l-impozizzjoni ta' mizura simili. Lanqas ma din il-Qorti sabet raguni li biha tista' tinduciha tqis it-talba tas-socjeta rikorrenti setghet giet kawtelata mod iehor u ghalhekk it-

talba taht l-artikolu 37 hu intiz bhala mezz agguntiv biss biex jitpogga pressjoni sproporzjonata u ingusta fuq il-parti li qed tiddefendi ruhha.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tikkonkludi illi t-talba ghal impozizzjoni ta' garanzija mitluba mis-socjeta intimata Pol-Eur Lines Shipping PLC SA mhix meritata u qed tichadha, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------